MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Mandat Numru. 1605/2013/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1605/13 fl-ismijiet:

Michelle **SULLIVAN**

vs

**AUTOMATED REVENUE MANAGEMENT SERVICES LIMITED (C – 46054)**, l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni Enemalta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta' Ottubru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-intimati milli "jissospendu s-servizzi tad-dawl u tal-ilma fil-fond '*Arcadia*', Triq il-Ħemel, Swieqi, u dan wara li r-rikorrenti rċeviet *FINAL NOTICE* datata 4 ta' Ottubru, 2013 biex il-kont għall-ammont ta' € 36,778.17 jiġi mħallas";

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2013, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati b'għaxart ijiem żmien għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-7 ta' Novembru, 2013;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Korporazzjoni Enemalta fil-25 ta' Ottubru, 2013, li biha laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet li t-talba m'għandhiex tintlaqa' għaliex ma jeżistux il-kundizzjonijiet mitluba mil-liġi biex dan isir. Żiedet tgħid li s-sospensjoni ta' servizz ta' dawl f'fond huwa maħsub fil-liġi għal min jibqa' ma jħallasx kont dwar tali servizz wara li jkun ingħata avviżi biex jirregola ruħu, bħalma ġara fil-każ tar-rikorrenti. L-intimata, madankollu, qalet li s'issa ma ngħatat l-ebda struzzjoni minn Automated Revenue Management Services Limited biex taqta' jew tissospendi l-provvista tad-dawl tal-post tar-rikorrenti. Tgħid li r-rikorrenti ma wrietx il-jedd *prima facie* li bis-saħħa tiegħu tista' żżommha milli taqta' l-provvista tad-dawl. Fl-aħħarnett, issemmi li fi protest ġudizzjarju li r-rikorrenti ressqet f'Marzu tal-2013, kienet saħansitra stqarret li hija għandha tħallas bilanċ li hu dovut u, minkejja ż-żmien kollu li għadda minn dakinhar, baqgħet ma ħallset xejn;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Automated Revenue Management Services Limited fit-28 ta' Ottubru, 2013, li biha laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi, fost l-oħrajn, qalet li t-talba tal-ħruġ tal-Mandat saret qabel waqtha għaliex l-istess rikorrenti naqset milli tilqa' l-bosta offerti li sarulha minn esponenti tal-intimata biex tiltaqa' magħhom u tfisser l-ilmenti tagħha. Żiedet tgħid li r-rikorrenti naqset għal kollox li tfisser fiex jikkonsisti l-jedd tagħha *prima facie* li titlob il-ħruġ tal-Mandat, minbarra li fir-rikors qiegħda tgħid li mill-post fejn qiegħda tingħata l-provvista

l-istess rikorrenti tmexxi wkoll in-negozju tagħha. It-talba tar-rikorrenti qiegħda ssir biex iżżomm lill-esponenti milli twettaq setgħa mogħtija lilha mil-liġi u li tnisslet minn inadempiment ripetut tal-istess rikorrenti li ma tħallasx għas-servizz li qiegħed jingħatalha. Fuq kollox, iżżid tgħid li r-rikorrenti naqset li tfisser x'inhu l-preġudizzju irrimedjabbli li trid tevita bit-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub. L-intimata talbet li, jekk kemm-il darba l-Qorti se ssib li għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u toħroġ il-Mandat, il-Qorti għandha torbot lir-rikorrenti taħt garanzija kif irid l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-intimata Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma waqt is-smigħ tas-7 ta' Novembru, 2013, li biha qal li l-patroċinata tiegħu kienet qiegħda tagħmel tagħha t-Tweġiba mressqa miż-żewġ intimati l-oħrajn;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti, ta' xhud imressqa minnha u wkoll ta' xhud imressaq mill-intimati;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Novembru, 2013, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti trid li l-intimati, jew min minnhom, jinżammu milli jaqtgħu l-provvista tad-dawl u tal-ilma f'post tagħha li fih hija tgħix u li fih ukoll twettaq attivita' ekonomika[1];

---

[1] Xhieda tagħha 7.11.2013, f'paġ. 30 – 1 tal-atti

Tqis li r-rikorrenti hija sidt il-post mertu ta' din il-proċedura, liema fond hija kisbet b'xiri f'April tal-2010 mingħand Johanna Portanier;

Tqis li, fl-istess żmien, hija u l-imsemmija Portanier ressqu applikazzjoni mal-intimata Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jitlobu li s-servizz jinqaleb fuq isem ir-rikorrenti b'seħħ mill-14 ta' April, 2010, bħala r-residenza ewlenija tagħha[2];

Tqis li għal xi żmien sa Awwissu tal-2010, r-rikorrenti kienet tħallas il-kontijiet li jintbagħtulha;

Tqis li r-rikorrenti tgħid li talbet lill-intimata Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex il-post jibda jitqies bħala post kummerċjali għall-finijiet ta' tariffi[3], iżda qatt ma ressqet talba formali għal dan il-għan għaliex, tgħid, inżammet milli tagħmel hekk[4];

Tqis li mill-2011 bdiet tikkontesta l-kontijiet li nħarġulha għaliex dehrilha li r-rati kienu maħduma ħażin u ma kinux juru l-konsum li tabilħaqq kien qiegħed isir fil-post;

Tqis li f'Marzu ta' din is-sena, hija ressqet protest ġudizzjarju kontra l-intimata A.R.M.S. Limited[5] li bih ilmentat mill-ġdid mill-kontijiet żbaljati li kienu ntbagħtulha. Fl-istess protest issemmi li kien ilha tirċievi avviżi għall-qtugħ tal-provvista sa minn Settembru tal-2012;

Tqis li r-rikorrenti qatt ma offriet u lanqas ma iddepożitat l-ebda parti mill-kontijiet li hija ma kenitx qiegħda tikkontesta;

Tqis li l-liġi[6] tagħti d-dritt lill-Korporazzjoni Enemalta li tissospendi s-servizz tad-dawl f'każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' kontijiet għall-provvista ta' dak is-servizz, wara li jintbagħat avviż lill-konsumatur b'talba għall-ħlas;

---

[2] Dok "A1", f'paġġ. 22 – 5 tal-atti
[3] Xhieda tagħha f'paġ. 30 tal-atti
[4] *Ibid*, f'paġ. 36 tal-atti
[5] Dok "KE1", f'paġġ. 11 – 4 tal-atti
[6] Reg. 67 tal-N.G. 233 tal-1940 (L.S. 423.01)

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[7];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[8]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[9];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[10]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax

---

[7] Art. 873(1) tal-Kap 12
[8] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[9] Art. 875(3) tal-Kap 12
[10] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[11] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Tqis li r-rikorrenti ma semmiet l-ebda dritt li hija għandha biex titlob il-ħruġ tal-Mandat. Kemm hu hekk, hija semmiet biss il-kwestjoni tal-kontijiet maħruġa bi żball u l-ħsara li jġarrab in-negozju tagħha jekk kemm-il darba l-provvista tad-dawl tinqata'. Kienet biss l-avukat difensur tagħha li, waqt it-trattazzjoni tar-rikors, qalet li r-rikorrenti naqset li tħallas mill-kontijiet mibgħuta dik il-parti li hi ma kenitx qiegħda tikkontesta għaliex beżgħet li l-ħlas, imqar ta' dik il-parti, kien jitqies bħala aċċettazzjoni tal-kont sħiħ u tar-rati żbaljati li bihom kienu qegħdin jinħadmu l-kontijiet. Madankollu, fix-xhieda tagħha qablet li l-kontijiet li ħallset sal-2010 kienu wkoll maħduma bir-rati li hija tqis li kienu ħżiena[12];

Tqis li l-jedd li konsumatur jieħu u jingħata s-servizz tad-dawl u tal-ilma f'post jiddependi minn kuntratt li jobbliga lill-konsumatur iħallas għall-għoti ta' servizz bħal dak. Kemm hu hekk, meta talbet li s-servizz jibda jgħajjat lilha,

[11] Art. 873(3) tal-Kap 12
[12] Xhieda tagħha, f'paġ. 32 tal-atti

l-istess rikorrenti ntrabtet li tħallas il-kontijiet li jintbagħtulha. In-nuqqas ta' ħlas iġib l-effetti li dak is-servizz jista' jitwaqqaf;

Tqis li l-liġi ma tħarisx lil min iġib fuqu ħsara minħabba li jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih taħt kuntratt u dan taħt il-massima *nemo ex turpitudo eius oritur jus*;

Tqis għalhekk li r-rikorrenti naqset li turi li għandha jedd mad-daqqa t'għajn li jeħtieġ li jkun imħares bil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, ladarba dan l-element ewlieni ma ntweriex li jeżisti, l-Qorti m'hemmx għalfejn tistħarreġ jekk jirriżultawx ukoll l-elementi l-oħrajn, ladarba l-liġi titlob li l-elementi kollha jridu jirriżultaw;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma ntweriex li jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2013, safejn it-talba tar-rikorrenti kienet intlaqgħet b'mod provviżorju; u

**Tordna li l-ispejjeż** ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.

Mogħti kameralment illum, 12 ta' Novembru, 2013.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------